



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15938/23

ECOFIN 1274
ENV 1367
CLIMA 590
FIN 1234

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' Novembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima bil-ħsieb tat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP 28) tal-UNFCCC f'Dubai bejn it-30 ta' Novembru u t-12 ta' Diċembru 2023 - Sostituzzjoni ta' paragrafu 15 ġdid

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż paragrafu 15 ġdid tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima bil-ħsieb tat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP 28) tal-UNFCCC, li jissostitwixxi l-paragrafu 15 preċedenti tal-konklużjonijiet imsemmija, adottati mil-laqgħa tal-Kunsill (EYCS) li saret fit-23 ta' Novembru 2023.

15. JENFASIZZA l-kontribut tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fis-sena 2022 b'appoġġ għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ta' EUR 28.5 biljun¹ f'finanzjament pubbliku internazzjonali, u ta' EUR 11.9 biljun² f'finanzjament privat mobilizzat.

¹ Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament għall-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-iżvilupp, u hija kkalkulata abbażi ta' impenji għal kontribuzzjonijiet bilaterali u żborżi multilaterali, kif irrappurtati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 19.3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018. Din tinkludi wkoll EUR 4.0 biljun f'finanzjament għall-klima mill-Baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll EUR 5.7 biljun mill-fondi tal-Bank Ewropew tal-Investment.

² Iċ-ċifra tirrigwarda l-appoġġ finanzjarju privat mobilizzat permezz ta' interventi pubbliċi (ggaranziji, self sindakat, investment dirett f'kumpaniji, linji ta' kreditu, eċċ.). Ma tinkludi l-ebda ammont ta' finanzjament pubbliku utilizzat għall-mobilizzazzjoni ta' dan l-appoġġ finanzjarju privat.